Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,310, 16 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 330 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Language and Computation - M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Isititut tal-Lingwistika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Lingwistika bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut, liema ordinamenti ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Language and Computation - M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Lingwistika.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Lingwistika;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Language and Computation - M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Master of Science in Language and Computation - M.Sc.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Language and Computation – P.G. Cert.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fil-Lingwistika jew fil-Computing Science, jew fi kwalunkwe qasam ta' studju ieħor meqjus bħala rilevanti mill-Bord;
sakemm li, f'każijiet xierqa, il-Bord jista' jeħtieġ li l-istudenti li daħlu fil-Kors isegwu u jgħaddu minn taqsimiet studju supplimentari li għalihom hemm assenjati total ta' 12-il krettu ECTS, minbarra l-programm ta' studju speċifikat fl-ordinament 5 ta' dawn l-ordinamenti.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 30 krettu ECTS għandhom ikunu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 60 krettu ECTS għandhom ikunu assenjati għat-taqsima tad-dissertazzjoni.

6. L-istudenti li jiksbu s-30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord tal-Istudji wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS, jekk qegħdin isegwu il-Kors *full-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

9. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni jekk jiksbu t-30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja minima ta' 55%.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 40,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord matul l-ewwel semestru ta' studju kif mitlub mill-Bord tal-Istudji.

(3) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(4) Wara l-approvazzjoni tat-titlu u tal-proposta tad-dissertazzjoni mill-Bord, l-istudenti jistgħu jagħmlu talba formali lill-Bord biex ibiddlu t-titlu u/jew il-proposta. Dawn it-talbiet għandhom jiġu approvati mill-Bord.

11. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Direttur tal-Istitut, jew id-delegat tiegħu/tagħha bħala *Chairman*, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta d-Direttur tal-Istitut ikun is-superviżur, huwa jew hija ma jkunx maħtur bħala ċ-*chairman*.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, skont kif jidhrilu xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqa' għall-anqas darbtejn fis-sena biex jirrevedu l-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżuri tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li meħtieġ.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji s-superviżuri huma meħtieġa jagħtu lill-Panils ta' Superviżjoni rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom iġibu l-approvazzjoni għal kwalunkwe tibdil sinifikanti fit-titlu u fil-kontenut tad-dissertazzjoni minn dan il-Panil.

(5) Il-Panils ta' Superviżjoni għandhom perjodikament jinfurmaw lill-Bord, bil-miktub, dwar il-livell ġenerali ta' kull student. Dawn il-pariri jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

13. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.